# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Jannar 2021**

**Kawza Numru: 45**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 992/2020 JVC**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti Yidan Chen li ghandu Passaport Ciniz numru E98339738 mahrug mill-People's Republic of China u Yongxia Chen li ghandha Passaport numru KJ0262315 mahrug mill-Hong Kong Special Administrative Region, People's Republic of China, bhala l-genituri tat-tifel komuni**

**minuri taghhom Iok Kei Chen sive Iok Kei Kevin Chen**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli nomine kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi r-rikorrent Iok Kei Chen sive Iok Kei Kevin Chen, kif debitament, twieled f'Santo Antonio, gewwa Macau fis-7 ta' Frar 2005, u dana skond ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid li jgib in-numru tar-registrazzjoni 391/2005/RC mahrug mir-Registru tal-Affarijiet Civili, tal-Gvern tal-Macau Regjun Specjali Amministrattiv, li kopja awtentika tieghu flimkien mat-traduzzjoni bl-Ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"IC-2".**

2. Illi skont ma jirrizulta mill-imsemmi Certifikat tat-Twelid, mat-twelid tieghu r-rikorrent inghata l-isem ta' "Iok Kei", u l-kunjom tieghu huwa "Chen". Pero' huwa trabba u mar l-iskola f'Hong Kong.

3. Illi ghal ragunijiet tradizzjonali u prattici prevalenti fit-territorju ta' Hong Kong bhala kolonja Ingliza precedenti, ir-rikorrent inghata wkoll isem Ingliz u cioe' "Kevin". Ghal liema raguni, kif u meta dan sehh huma dokumentat minn

Yidan Chen missier il-minuri stess fl-affidavit tieghu hawn anness u markat bhala Dokument **"IC-3"** kif ukoll f'dak ta' omm ir-rikorrent Yongxia Chen, hawn anness u markat bhala Dokument **"IC-4"**.

4. Illi fil-kaz odiern, ir-rikorrent kien minn dejjem u konsistentement maghruf bl-isem "Iok Kei Kevin", skond ma anke' jirrizulta minn diversi certifikati mahruga gewwa Hong Kong anke fil-qasam edikattiv u sport. Difatti l-isem tar-rikorrent huwa indikat bhala "Iok Kei Kevin Chen" f'diversi dokumenti ufficjali, u cioe' kemm (i) fil-Hong Kong Permanent Identity Card bin-numru M164421(7) mahruga fir-rigward tieghu u li kopja awtentika taghha qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dokument **'IC-5'** (liema dokument saret riferenza ukoll ghalih fl-affidavit ta' missier ir-rikorrent bhala Dokument "IC-3"; kemm (ii) fil-Passaport tieghu mahrug f'Hong Kong bin-numru KJ0492813 u mahrug fis-17 ta' Frar 2016 li kopja awtentika tieghu qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dokument **'IC-6'** (iii) fil-Passaport gdid tieghu mahrug f Hong Kong bin-numru HJ2073893 u mahrug fit-22 ta' Gunju 2020 li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **'IC-7** (liema dokument awtentikat huwa mehmuz mal-affidavit ta' missier ir-rikorrent u mmarkat bhala Dokument **"CY-5"**; kemm (iii) fis-Certificate of Registered Particulars mahrug mid-Dipartiment tal-Immigrazzjoni, f' Hong Kong fis-26 ta' Mejju 2018 li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"IC-8"** (liema dokument saret riferenza ukoll ghalih fl-affidavit ta' missier ir-rikorrent bhala Dokument "CY-7"); u kemm (iv) fid-Certifikat mahrug mill-Interim Head of Secondary Chinese International School datat Frar 2018 li kopja awtentika tieghu hija hawn

annessa u mmarkata bhala Dokument **"IC-9"**, kif ukoll (v) mic-certifikat mahrug mill-ISF Academy ghas-sena 2016 li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"IC-10"**.

5. Illi fil-kaz odiern, kien proprju ghal din ir-raguni illi fit-12 ta' Frar 2016 meta r-rikorrent kien ghalaq l-eta' ta' hdax (11) il-sena, Yidan Chen, bhala genitur tar-rikorrent hass in-necessita' illi dik id-darba kellu japplika ghall-hrug tal-karta tal-identita' tal-minuri rikorrent bl-isem ta' "Iok Kei Kevin", u l-Awtoritajiet kompetenti minn naha taghhom ipprocedew sabiex johorgu l-istess Karta' tal-Identita li jgib in-numru M164421(7) bl-isem ta' "Iok Kei Kevin" skond kif jidher minn kopja awtentika tal-istess hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"IC-5"**.

6. Illi fis-26 ta' Mejju 2018 il-krerituri tal-minuri kienu ukoll ottjenew Certifikat ufficjali mahrug mir-Registration of Persons Office, Immigration Department ta' Hong Kong li jirrigwarda r-rikorrent minuri. Dan ic-certifikat juri car illi l-isem Iok Kei Kevin gie hekk ufficjalment irregistrat retrospettivament bl-effett mit-12 ta' Frar 2016, kopja awtentika tieghu hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"IC-8"**. Illi dan id-dokument saret riferenza ghalih ukoll fl-affidavit ta' missier ir-rikorrent, Yidan Chen, bhala Dok "CY-7".

7. Illi fl-1 ta' Awissu 2018 ir-rikorrent, bhala minuri dipendenti ta' ommu bhala l-applikanti principali, ottjena permezz tar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (S.L. 188.03) ic-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, skond id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar

ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta), kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"IC-11"**.

8. Illi l-fuq imsemmi Certifikat ta' Cittadinanza Maltija inhareg bl-isem "Iok Kei Chen" minkejja illi r-rikorrent kien issottometta l-applikazzjoni tieghu lill-Agenzija Identity Malta sabiex jikseb il-fuq imsemmija cittadinanza Maltija permezz tan-naturalizzazzjoni bl-isem li bih huwa kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u cioe' dak ta' "Iok Kei Kevin Chen", kif jirrizulta mill-kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"IC-12"**.

9. Illi bhala parti mill-process ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija b' naturalizzazzjoni, ir-rikorrent kien applika lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-Att tat-twelid tieghu jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dana sabiex a bazi ta' hekk ikunu jistghu jinhargu a favur tal-istess rikorrent ic- Certifikat ta' Cittadinanza Maltija u l-passaport Malti.

10. Illi ghalkemm ir-rikorrent kien ghall-ewwel ipprova japplika tramite Deloitte Malta, bhala s-Service Provider, li hadu hsieb il-process ghan-nom tar-rikorrentghal ksib ta' Cittadinanza Maltija, ghal tali registrazzjoni bil-fuq imsemmi isem shih li bih huwa kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u cioe' dak ta' "Iok Kei Kevin Chen", skond kif spjegat minn Monika Puchala, bhala Supervisor for Immigration mal-istess Deloitte Malta fl-affidavit taghha hawn anness u mmarkat bhala Dokument

**"IC-13"**, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku kien irrifjuta li l-applikazzjoni ssir f'dak l-isem, billi baqa' jinsisti illi r-registrazzjoni kellha bilfors issir *ad litteram* skont kif isem ir-rikorrent kien imnizzel fic-Certifikat tat-Twelid originali tieghu kif mahrug mill-Awtoritajiet ta' Hong Kong; u difatti r-rikorrent ma kellu l-ebda ghazla ohra hlief li jissottometti applikazzjoni ohra bl-isem "Iok Kei Chen" skont kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"IC-14"**.

11. Illi in segwitu ghal dina l-applikazzjoni, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrent fit-3 ta' Awissu 2018 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 4781, skont ic-Certifikat tal-istess Att tat-Twelid mahrug mill-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018 hawn anness u immarkat bhala Dokument **"IC-15"**, fejn isem ir-rikorrent huwa imnizzel bhala "Iok Kei" bhala isem u kunjom Chen".

12. Illi l-isem tar-rikorrent fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid fil-fatt ma jirriflettix l-isem li bih huwa kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u cioe' dak ta' "Iok Kei Kevin".

13. Illi bhala konsegwenza ta' dan il-Passaport Malti, li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkat bhala Dokument **"IC-16"**, illi gie mahrug sussegwentement a favur tar-rikorrent mill-Awtoritajiet kompetenti Maltin, jindika erronjament l-isem ir-rikorrent bhala "Iok Kei Chen"; bir-rizultat illi dan l-istess dokument ma jirriflettix l-isem attwali ta' "Iok Kei Kevin" li bih ir-rikorrent huwa konsistentement maghruf u msejjah u kif dan l-isem huwa

imnizzel fid-diversi dokumenti esebiti mahruga f'Hong Kong.

14. Illi kif fuq premess, u kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Iok Kei Kevin", b-liema isem l-istess rikorrent kien ukoll minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u ismu m'huwiex "Iok Kei" skont kif gie indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4781.

15. Illi ghalhekk ir-rikorrent jixtieq illi jigi emendat l-Att tat-Twelid tieghu kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4781, sabiex jirrifletti l-isem li bih l-istess rikorrent kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah u cioe' dak ta' "Iok Kei Kevin".

16. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi :-

1. Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4781 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018, billi l-isem "Kevin" jigi registrat fl-istess Att tat-Twelid bhala t-tieni isem tar-rikorrent, u ghalhekk wara l-isem l-iehor "Iok Kei", u dana sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrent kien minn dejjem u

konsistentement maghruf u msejjah, l-isem shih tal-istess rikorrent jigi jinqara "Iok Kei Kevin" bhala isem u "Chen" bhala kunjom; u konsegwentement

2. Tordna illi jigi mdahhal annotament fil-margini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; u konsegwentement ukoll

3. Tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent in segwitu ghall-korrezzjoni u registrazzjoni relattiva jigi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat civili iehor relattiv ghall-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi fl-ewwel Iok, ghandu jinghad li ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhux edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta' Twelid ta' Iok Kei Chen, hawn anness u mmarkat bhala

'Dok. DRP 1', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4781 tas-sena 2018, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi l-esponent irregistra l-att tat-twelid tar-rikorrenti wara talba, hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 2', maghmula taht l-**Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, illi specifikament jippermetti illi jigi registrat Att tat-Twelid esteru u mhux certifikat ta' bdil ta' isem jew dokumenti ufficjali ohra. Ghaldaqstant, l-esponent ottempora ruhu mal-ligi u rregistra l-Att tat-Twelid abbazi tal-att esteru li gie pprovdut lilu, liema dokument huwa hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3', u t-traduzzjoni tal-istess Att, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4'. Tali registrazzjoni ghandha issir *ad verbatim*, u stante li dawn id-dokumenti juru li l-isem tar-rikorrenti huwa dak ta' 'Iok Kei' u mhux 'Iok Kei Kevin', l-esponent ma kellux ghazla ohra hlief li jaghmel din ir-registrazzjoni bl-isem li jinsab fuq l-Att tat-Twelid Originali;

5. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi riferibbilment ghat-tielet talba tieghu, ir-rikorrent qieghed jitlob ukoll sabiex il-bdil effetwat fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent jigi rifless ukoll f'kull att tal-iStat Civili iehor relattiv ghar-rikorrent. Illi minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attrici u tordna z-zieda tal-isem 'Kevin' mal-isem 'Iok Kei' sabiex l-isem tar-rikorrent jigi jinqara bhala 'Iok Kei Kevin' fl-Att ta'

Twelid tieghu, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun jistgha jsir tibdil fi kwalunkwe Att tal-iStat Civili iehor, ir-rikorrent ghandu jispecifika liema huma dawn l-atti billi jirreferi ghan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mar-rikors guramentat;

Rat ukoll l-affidavits tal-genituri tal-minuri indikat;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni li tinsab esebita a fol. 78 A tal-process;

Il-Qorti vverifikat mid-dokumentazzjoni esebita partikolarment mill-affidavits tal-genituri kif ukoll mill-kopja tal-Passaport mahrug mill-Awtoritajiet tar-Repubblika tac-China esebita a fol.

38 li huwa minnu illi r-rikorrent minuri huwa wkoll maghruf bl-isem ta' 'Kevin' u mhux biss bl-isem l-iehor 'Iok Kei' u ghaldaqstant tqis illi t-talbiet tar-rikorrent huma gustifikati;

Stante li l-izball ma jirrizultax li huwa tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghalhekk id-Direttur m'ghandux ibaghti l-ispejjez;

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kaz odjern kif isegwi;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4781 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018, billi l-isem 'Kevin' jigi registrat fl-istess Att tat-Twelid bhala t-tieni isem tar-rikorrent, u ghalhekk wara l-isem 'Iok Kei', u dana sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrent kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, l-isem shih tal-istess rikorrent jigi jinqara 'Iok Kei Kevin' bhala isem u 'Chen' bhala kunjom; u konsegwentement;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi jigi mdahhal annotament fil-margini tal-fuq imsemmi l-Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent in segwitu ghall-

korrezzjoni u registrazzjoni relattiva jigi rifless ukoll f'kull Att ta' l-iStat Civili iehor relattiv ghall-istess rikorrent;

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**14 ta' Jannar 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Jannar 2021**